MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Numru. 803/2002

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)
vs
Silvana Debrincat

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Silvana Debrincat, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 21673(M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli bejn Jannar tal-1997 u Frar 2001, gewwa Bugibba u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifikat biljetti tal-flus jew mexxiet biljetti tal-flus falsifikati u cioe' biljetti tal-flus Maltin, liema biljetti tal-flus hija kienet taf li huma falsifikati. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess cirkustanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess

taghha, biljetti tal-flus falsifikati li kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.  Dan bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 45 u 46 tal-Kapitolu 204 u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma kellha l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputata fuq imsemmija minn jeddha u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputata irrilaxxjat stqarrija lill-pulizija fejn qalet illi kienet mizzewwga, izda separata mir-ragel taghha, certu Vincent DeBrincat.  Hija mill-ewwel ikkoperat mal-pulizija u stqariet li matul iz-zwieg taghha zewgha kien jaghtiha hames lirijat Maltin foloz u kien jghidilha biex tmur tixtri bihom mill-hwienet. Hija qalet illi matul iz-zwieg taghha hija ma kienitx tahdem u kienet tiddependi totalment zewgha fuq dak kollu li kellu x'jaqsam mal-flus.  Skond l-imputata kull ma kien jaghtija zewgha kienu zewg liri kuljum u kienet tibghatilha xi flus ommu bil-mohbi u dawn il-flus hija kienet tuzahom ghall-ikel ghaliha u ghal bintha.  L-imputata qalet fl-istqarrija taghha illi hija ma kienitx irrappurtat qabel dwar dak li kien qed jigri ghaliex kienet thossha mheddha minn zewgha u kienet tibza hafna minnu.  L-imputata kompliet tghid lill-pulizija illi zewgha kellu tlett mitt lira Maltin fi flus foloz li kien izommhom fil-ventilatur tal-kamra tat-tifla taghhom. L-imputata stqarret ukoll mal-pulizija illi meta bintha kienet tkun ma tiflahx hija kienet titlob il-flus biex tkun tista thallas lit-tabib lil garha taghha.  Hija qalet ukoll illi zewgha mill-ewwel beda isawwatha wara li izzewwgu u l-imgieba

tieghu ta' swat u theddid wasslitha sabiex tirrikorri ghand psikjatra.

Illi l-imputata tant ikkollaborat mal-pulizija illi anke svelat l-ismijiet tal-hwienet fejn kienet uzat il-flus foloz izda ma kienitx inqabdet minn sid il-hanut rispettiv.

L-imputata xehdet ukoll f'dawn il-proceduri. Hija elaborat dwar il-hajja matrimonjali taghha fis-sens illi kienet tkun mhedda u imsawwta minn zewgha u kien ikollha taghmel dak kollu li jghidilha hu.  Hija xehdet illi l-ewwel haga illi ghamlet wara li isseparat minn ma zewgha kienet illi marret l-ghassa tal-pulizija u ghamlet rapport u qaltilhom b'dak kollu li kien gara.

Illi finalment irrizulta illi l-pulizija hadet passi kontra zewg l-imputata u kien permezz ta' dawn il-proceduri illi hu gie akkuzat illi kien mexxa flus foloz.

Illi l-Qorti tara illi Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kontra l-imputata fuq imsemmija u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 46 u 45 tal-Kap. 204 qeghda tiddikjara lill-imputata fuq imsemmija hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Il-Qorti izda ikkunsidrat ghall-fini ta' piena illi certament dan mhuwiex xi kaz fejn il-Qorti ghadha tapplika l-piena ta' prigunerija.  L-imputata, illi ghandha fedina penali netta, ghaddiet minn tormenti u torturi kbar matul il-hajja ta' zwieg taghha u sabiex ikollha biex tiekol hi u titma lil bintha kien ikollha taghmel dak li ma tridx u thallas permezz ta' flus li kienet taf li kienu foloz.  L-imputata ghamlet dak li ghamlet mhux ghaliex riedet izda ghax ma kellhiex triq ohra biex thallas lit-tabib ghal bintha u biex tiekol hi u titma lil bintha.

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446, filwaqt li tillibera lill-imputata tobbligaha li taghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabilita taghha skond il-Ligi jekk hija

tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------